Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2020/0278(COD)

16.11.2021

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817
(COM(2020)0612 – C9-0307/2020 – 2020/0278(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Birgit Sippel

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA 83

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817
(COM(2020)0612 – C9-0307/2020 – 2020/0278(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0612),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2)(b) u (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0307/2020),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati mill-Parlament Ungeriż u s-Senat Taljan fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2021),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda ***r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u*** (UE) 2019/817

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda ***r-Regolament*** (UE) 2019/817

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Ir-regoli li jirregolaw il-kontroll fil-fruntieri ta' persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)[21] kif adottat skont l-Artikolu 77(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Sabiex tiġi żviluppata aktar il-politika tal-Unjoni bil-ħsieb li jitwettqu kontrolli fuq persuni u jiġi ssorveljat b'mod effiċjenti l-qsim tal-fruntieri esterni msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 77 TFUE, miżuri addizzjonali jenħtieġ li jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jirnexxilhom jevitaw il-verifiki*** fuq il-fruntieri fil-fruntiera esterna, jew fejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu żbarkati wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ kif ukoll fejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul. Dan ir-regolament jikkomplementa u jispeċifika r-Regolament (UE) 2016/399 fir-rigward ta' dawk it-tliet settijiet ta' sitwazzjonijiet.	(2) Ir-regoli li jirregolaw il-kontroll fil-fruntieri ta' persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)[21] kif adottat skont l-Artikolu 77(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Sabiex tiġi żviluppata aktar il-politika tal-Unjoni bil-ħsieb li jitwettqu kontrolli fuq persuni u jiġi ssorveljat b'mod effiċjenti l-qsim tal-fruntieri esterni msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 77 TFUE, miżuri addizzjonali jenħtieġ li jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***ma jkunux ġew soġġetti għall-verifiki*** fuq il-fruntieri fil-fruntiera esterna, jew fejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu żbarkati wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ kif ukoll fejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul. Dan ir-regolament jikkomplementa u jispeċifika r-Regolament (UE) 2016/399 fir-rigward ta' dawk it-tliet settijiet ta' sitwazzjonijiet.

[21] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-

[21] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Huwa essenzjali li jiġi żgurat li f'dawk it-tliet settijiet ta' sitwazzjonijiet, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu skrinjati, sabiex tiġi ffaċilitata identifikazzjoni xierqa u sabiex ikunu jistgħu jiġu rriferuti b'mod effiċjenti ***għall-proċeduri rilevanti*** li, skont iċ-ċirkostanzi, ***jistgħu jkunu proċeduri*** għall-protezzjoni internazzjonali ***jew proċeduri*** li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-"Direttiva dwar ir-Ritorn")[22]. L-iskrinjar jenħtieġ li jikkomplementa mingħajr xkiel il-kontrolli mwettqa fil-fruntiera esterna ***jew jikkumpensa għall-fatt li dawk il-kontrolli ġew evitati miċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi meta qasmu l-fruntiera esterna***.	(3) Huwa essenzjali li jiġi żgurat li f'dawk it-tliet settijiet ta' sitwazzjonijiet, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu skrinjati, sabiex tiġi ffaċilitata identifikazzjoni xierqa u sabiex ikunu jistgħu jiġu rriferuti b'mod effiċjenti ***għall-proċedura korretta*** li, skont iċ-ċirkostanzi, ***tista' tkun proċedura komuni*** għall-protezzjoni internazzjonali ***kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXXX/202X tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], il-proċeduri*** li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-"Direttiva dwar ir-Ritorn")[22]***, jew ċaħda ta' dħul f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399 mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/399***. L-iskrinjar jenħtieġ li jikkomplementa mingħajr xkiel il-kontrolli mwettqa fil-fruntiera esterna ***u jsir b'mod parallel ma' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li jkunu diġà saru***.

[22] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-

[22] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-

ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).	ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).
	Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-verifiki fuq il-fruntieri mhumiex biss fl-interess tal-Istati Membri li fil-fruntieri esterni tagħhom isiru dawn il-kontrolli, iżda tal-Istati Membri kollha ***li abolixxew il-verifiki fuq il-fruntieri interni***. Il-verifiki fuq il-fruntieri ***għandhom*** jgħinu ***fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali*** u t-traffikar tal-bnedmin u biex tiġi evitata kull theddida għas-sigurtà interna, il-politika pubblika, is-saħħa pubblika u r-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istati Membri. Bħala tali, il-miżuri meħuda fil-fruntieri esterni huma elementi importanti ta' approċċ komprensiv għall-migrazzjoni***, li jippermetti li tiġi indirizzata l-isfida ta' flussi mħallta ta' migranti u persuni li jkunu qed ifittxu protezzjoni internazzjonali***.	(4) Il-verifiki fuq il-fruntieri mhumiex biss fl-interess tal-Istati Membri li fil-fruntieri esterni tagħhom isiru dawn il-kontrolli, iżda tal-Istati Membri kollha. Il-verifiki fuq il-fruntieri ***jenħtieġ li*** jgħinu ***fit-tnaqqis tal-immigrazzjoni irregolari*** u ***fil-ġlieda kontra*** t-traffikar tal-bnedmin u biex tiġi evitata kull theddida għas-sigurtà interna, il-politika pubblika, is-saħħa pubblika u r-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istati Membri. ***Fl-istess ħin, meta jwettqu verifiki fuq il-fruntieri, l-Istati Membri jenħtieġ li jaġixxu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u internazzjonali rilevanti, inkluża l-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 ("il-Konvenzjoni ta' Ġinevra"), obbligi relatati mal-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement, u drittijiet fundamentali.*** Bħala tali, il-miżuri meħuda fil-fruntieri esterni huma elementi importanti ta' approċċ komprensiv għall-migrazzjoni.
	Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Bħala parti minn approċċ komprensiv għall-migrazzjoni u f'konformità mal-Artikolu 80 tat-TFUE, jenħtieġ li l-atti tal-Unjoni, kull meta jkun meħtieġ, ikun fihom miżuri xierqa biex japplikaw il-prinċipju tas-solidarjetà.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399, il-verifiki fuq il-fruntieri jikkonsistu f'verifiki fuq il-fruntieri mwettqa fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u sorveljanza fil-fruntieri, li jitwettqu bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera***, sabiex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jitħallewx jevitaw il-verifiki fuq il-fruntieri***. Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/399, persuna li tkun qasmet fruntiera b'mod mhux awtorizzat u li ma jkollhiex dritt li tibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li tinqabad u tkun soġġetta għall-proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. ***F'konformità mal-Artikolu*** 3 tar-Regolament (UE) 2016/399, ***il-verifiki*** fuq il-fruntieri jenħtieġ li jitwettqu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tar-refuġjati u tal-persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tan-non-refoulement.	(5) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399, il-verifiki fuq il-fruntieri jikkonsistu f'verifiki fuq il-fruntieri mwettqa fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u sorveljanza fil-fruntieri, li jitwettqu bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera. Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/399, persuna li tkun qasmet fruntiera b'mod mhux awtorizzat u li ma jkollhiex dritt li tibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li tinqabad u tkun soġġetta għall-proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. ***Jiġifieri, madankollu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu*** 3 tar-Regolament (UE) 2016/399, ***li skontu l-verifiki*** fuq il-fruntieri jenħtieġ li jitwettqu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tar-refuġjati u tal-persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tan-non-refoulement.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-gwardji tal-fruntiera spiss jiffaċċjaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu protezzjoni internazzjonali ***mingħajr*** dokumenti tal-ivvjaġġar, kemm wara li jinqabdu waqt is-sorveljanza fil-fruntieri kif ukoll waqt kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Barra minn hekk, f'xi sezzjonijiet tal-fruntiera l-gwardji tal-fruntiera ***huma kkonfrontati b'għadd*** kbir ta' wasliet fl-istess ħin. F'ċirkostanzi bħal dawn, huwa partikolarment ***diffiċli*** li jiġi żgurat li l-bażijiet tad-data rilevanti kollha jiġu kkonsultati u li tiġi ddeterminata minnufih il-proċedura ***xierqa ta'ażil jew ritorn***.	(6) Il-gwardji tal-fruntiera spiss jiffaċċjaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu protezzjoni internazzjonali ***li ma jkollhomx*** dokumenti tal-ivvjaġġar, kemm wara li jinqabdu waqt is-sorveljanza fil-fruntieri kif ukoll waqt kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Barra minn hekk, f'xi sezzjonijiet tal-fruntiera l-gwardji tal-fruntiera ***jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' għadd*** kbir ta' wasliet fl-istess ħin. F'ċirkostanzi bħal dawn, huwa partikolarment ***importanti*** li jiġi żgurat li l-bażijiet tad-data rilevanti kollha jiġu kkonsultati u li tiġi ddeterminata minnufih il-proċedura ***korretta malajr kemm jista' jkun***.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jiġi żgurat l-immaniġġjar ***rapidu*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ***jippruvaw jevitaw*** verifiki fuq il-fruntieri jew li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul jew li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, jeħtieġ li jiġi pprovdut qafas aktar b'saħħtu għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli għall-kontroll fil-fruntieri, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-eżami tal-	(7) Sabiex jiġi żgurat l-immaniġġjar ***aħjar*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ***ma kinux soġġetti għal*** verifiki fuq il-fruntieri jew li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul jew li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, jeħtieġ li jiġi pprovdut qafas aktar b'saħħtu għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli għall-kontroll fil-fruntieri, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, ***il-***

ħtieġa għall-protezzjoni internazzjonali u l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ritorn.	***protezzjoni tat-tfal,*** l-eżami tal-ħtieġa għall-protezzjoni internazzjonali u l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ritorn.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) B'mod partikolari, l-iskrinjar jenħtieġ li jgħin biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jiġu rriferuti għall-proċeduri xierqa mill-aktar fis possibbli u li l-proċeduri jitkomplew mingħajr interruzzjoni u dewmien. ***Fl-istess ħin, l-iskrinjar jenħtieġ li jgħin biex tiġi miġġielda l-prattika li biha xi applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jaħarbu wara li jkunu ġew awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru abbażi tat-talba tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, sabiex jagħmlu talbiet bħal dawn fi Stat Membru ieħor jew ma jagħmlu xejn.***	(8) B'mod partikolari, l-iskrinjar jenħtieġ li jgħin biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jiġu rriferuti għall-proċeduri xierqa mill-aktar fis possibbli u li l-proċeduri jitkomplew mingħajr interruzzjoni u dewmien.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fir-rigward ta' dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar jenħtieġ li ***jkun segwit minn eżami*** tal-ħtieġa għall-protezzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li jippermetti ***l-ġbir u l-qsim*** mal-awtoritajiet kompetenti ***għal dak l-eżami*** kwalunkwe	(9) Fir-rigward ta' dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar jenħtieġ li ***jikkontribwixxi biex jiffaċilita l-istadji inizjali tal-eżami*** tal-ħtieġa għall-protezzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li jippermetti ***lill-awtoritajiet tal-iskrinjar jaqsmu*** mal-awtoritajiet

informazzjoni li hija rilevanti ***għal*** dawn tal-aħħar biex jidentifikaw il-proċedura xierqa għall-eżami tal-applikazzjoni***, u b'hekk titħaffef dak l-eżami***. L-iskrinjar jenħtieġ li ***jiżgura*** wkoll ***li*** persuni bi bżonnijiet speċjali jiġu identifikati fi stadju bikri, sabiex kwalunkwe ħtieġa ta' akkoljenza u proċedurali speċjali jitqiesu b'mod sħiħ fid-determinazzjoni tal-proċedura applikabbli u fit-twettiq tagħha.	kompetenti ***għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali*** kwalunkwe informazzjoni li hija rilevanti***, mingħajr valutazzjoni tal-valur ta' dik l-informazzjoni, biex jippermettu lil*** dawn tal-aħħar biex jidentifikaw il-proċedura xierqa għall-eżami tal-applikazzjoni. L-iskrinjar jenħtieġ li ***jikkontribwixxi*** wkoll ***biex*** persuni bi bżonnijiet speċjali jiġu identifikati fi stadju bikri, sabiex kwalunkwe ħtieġa ta' akkoljenza u proċedurali speċjali jitqiesu b'mod sħiħ fid-determinazzjoni tal-proċedura applikabbli u fit-twettiq tagħha.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li jinqabdu b'konnessjoni mal-qsim ***mhux awtorizzat*** tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament Eurodac għal raġunijiet oħra għajr l-età tagħhom, kif ukoll għal persuni li jkunu żbarkaw wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, irrispettivament minn jekk japplikawx għall-protezzjoni internazzjonali ***jew le***. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal dawk li jfittxu protezzjoni internazzjonali fil-punti ta' qsim tal-fruntiera jew fiż-żoni ta' tranżitu mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul.	(11) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li jinqabdu b'konnessjoni mal-qsim ***irregolari*** tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament Eurodac għal raġunijiet oħra għajr l-età tagħhom, kif ukoll għal persuni li jkunu żbarkaw wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, irrispettivament minn jekk japplikawx għall-protezzjoni internazzjonali. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal dawk li jfittxu protezzjoni internazzjonali fil-punti ta' qsim tal-fruntiera jew fiż-żoni ta' tranżitu mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-iskrinjar jenħtieġ li jitwettaq ***fil-fruntiera esterna*** jew qrib ***tagħha, qabel ma l-persuni*** kkonċernati ***jkunu awtorizzati jidħlu fit-territorju. L-Istati*** Membri ***jenħtieġ*** li japplikaw ***miżuri skont id-dritt nazzjonali biex jipprevjenu lill-persuni kkonċernati milli jidħlu fit-territorju matul l-iskrinjar***. F'każijiet individwali, fejn meħtieġ, dawn jistgħu jinkludu detenzjoni, soġġetta għal-liġi nazzjonali li tirregola dik il-kwistjoni.	(12) ***Għal dawk il-persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar jenħtieġ li jsir fit-territorju tal-Istati Membri f'konformità mar-regoli dwar il-proċeduri tal-asil.*** L-iskrinjar jenħtieġ li jitwettaq ***fi kwalunkwe post xieraq fit-territorju ta' Stat Membru, filwaqt li jitqiesu l-ġeografija u l-infrastrutturi eżistenti, li jistgħu jinkludu post fil-fruntieri esterni*** jew qrib ***tagħhom, b'mod partikolari fejn il-persuni*** kkonċernati ***b'mod ċar ma jkunux qed ifittxu protezzjoni internazzjonali. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà għall-Istati*** Membri li japplikaw ***proċeduri fuq il-fruntiera għal ċerti applikanti għall-protezzjoni internazzjonali***. F'każijiet individwali, fejn meħtieġ, dawn jistgħu jinkludu detenzjoni, soġġetta għal-liġi ***rilevanti tal-Unjoni u*** nazzjonali li tirregola dik il-kwistjoni.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Kull meta jkun jidher ċar matul l-iskrinjar li ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għalih jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-iskrinjar għandu jintemm u ***ċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ikkonċernat jenħtieġ li jkun awtorizzat jidħol fit-territorju, mingħajr	(13) Kull meta jkun jidher ċar matul l-iskrinjar li ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għalih jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-iskrinjar għandu jintemm u***, jekk ma jkunx diġà l-każ, iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ikkonċernat jenħtieġ li jkun awtorizzat

preġudizzju għall-applikazzjoni ta' penali kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) ta' dak ir-regolament.

jidħol fit-territorju, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' penali kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) ta' dak ir-regolament.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar jenħtieġ li jiġu soġġetti għal kontrolli sabiex tiġi stabbilita l-identità tagħhom u sabiex jiġi żgurat li ma jkunux ta' theddida għas-sigurtà interna jew għas-saħħa pubblika. Fil-każ ta' persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punti ta' qsim tal-fruntiera, il-kontrolli tal-identità u s-sigurtà mwettqa fil-kuntest tal-verifiki fuq il-fruntieri jenħtieġ li jitqiesu biex tiġi evitata d-duplikazzjoni.	(15) Il-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar jenħtieġ li jiġu soġġetti għal kontrolli sabiex tiġi ***vverifikata u*** stabbilita l-identità tagħhom u sabiex jiġi żgurat li ma jkunux ta' theddida għas-sigurtà interna jew għas-saħħa pubblika. Fil-każ ta' persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punti ta' qsim tal-fruntiera, il-kontrolli tal-identità u s-sigurtà mwettqa fil-kuntest tal-verifiki fuq il-fruntieri jenħtieġ li jitqiesu biex tiġi evitata d-duplikazzjoni.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Mat-tlestija tal-iskrinjar, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jenħtieġ li jiġu rriferuti għall-proċedura ***rilevanti*** biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni u għall-valutazzjoni tal-ħtieġa ta' protezzjoni internazzjonali, jew ikunu soġġetti għal proċeduri li jikkonformaw mad-Direttiva ***2008/115 (***id-Direttiva dwar ir-Ritorn***)***, kif xieraq. L-informazzjoni ***rilevanti*** miksuba matul l-	(16) Mat-tlestija tal-iskrinjar, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jenħtieġ li jiġu rriferuti għall-proċedura biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni u għall-valutazzjoni tal-ħtieġa ta' protezzjoni internazzjonali, jew ikunu soġġetti għal proċeduri li jikkonformaw mad-Direttiva ***2008/115/KE [***id-Direttiva dwar ir-Ritorn***], jew jiġu rrifjutati d-dħul f'konformità mar-***

iskrinjar jenħtieġ li tingħata lill-awtoritajiet kompetenti biex tappoġġa l-valutazzjoni ulterjuri ta' kull każ individwali, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali. Il-proċeduri stabbiliti mid-Direttiva ***2008/115*** jenħtieġ li jibdew japplikaw biss wara li jkun intemm l-iskrinjar. ***L-Artikoli 26 u 27 tar-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil jenħtieġ li japplikaw biss wara li l-iskrinjar ikun intemm. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-persuni*** li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fil-mument li jinqabdu, waqt il-kontroll fil-fruntieri fil-punt ta' qsim tal-fruntiera jew waqt l-iskrinjar, jenħtieġ li jitqiesu bħala applikanti.

Regolament (UE) Nru 2016/399, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/399, kif xieraq. L-informazzjoni miksuba matul l-iskrinjar jenħtieġ li tingħata lill-awtoritajiet kompetenti ***rilevanti*** biex tappoġġa l-valutazzjoni ulterjuri ta' kull każ individwali, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali. Il-proċeduri stabbiliti mid-Direttiva ***2008/115/KE*** jenħtieġ li jibdew japplikaw biss wara li jkun intemm l-iskrinjar. ***Il-persuni*** li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fil-mument li jinqabdu, waqt il-kontroll fil-fruntieri fil-punt ta' qsim tal-fruntiera jew waqt l-iskrinjar, jenħtieġ li jitqiesu bħala applikanti ***għall-protezzjoni internazzjonali li għalihom japplika r-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] u d-Direttiva (UE) xxxx/xxxx [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza]***.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-iskrinjar ***jista' jiġi segwit ukoll minn rilokazzjoni*** taħt il-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit mir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni] meta Stat Membru jkun qed jikkontribwixxi għas-solidarjetà ***fuq bażi volontarja*** jew jekk l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali ma jkunux soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) ***Nru*** XXX/XXX ***(***ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil***)***, jew taħt il-mekkaniżmu li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi stabbiliti mir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-	(17) ***L-Istati Membri huma mħeġġa jirrilokaw l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali malajr u mingħajr dewmien żejjed wara*** l-iskrinjar***, inkluż, bħala minimu,*** taħt il-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit mir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni] meta Stat Membru jkun qed jikkontribwixxi għas-solidarjetà jew jekk l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali ma jkunux soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX ***[***ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil***]***, jew taħt il-mekkaniżmu li jindirizza sitwazzjonijiet ta'

Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi].	kriżi stabbiliti mir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi].

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-issodisfar tal-kundizzjonijiet tad-dħul u l-awtorizzazzjoni tad-dħul huma espressi b'timbru tad-dħul f'dokument tal-ivvjaġġar. Għalhekk, in-nuqqas ta' timbru tad-dħul bħal dan jew in-nuqqas ta' dokument tal-ivvjaġġar jista' jitqies bħala indikazzjoni li d-detentur ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tad-dħul. Mal-bidu tat-tħaddim tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ li jwassal għas-sostituzzjoni tat-timbri b'entrata fis-sistema elettronika, dik il-preżunzjoni se ssir aktar affidabbli. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw l-iskrinjar għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà jinsabu fit-territorju u li ma jistgħux jippruvaw li huma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul fit-territorju tal-Istati Membri. L-iskrinjar ta' dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi huwa meħtieġ sabiex jikkumpensa għall-fatt li preżumibbilment irnexxielhom jevitaw il-verifiki tad-dħul mal-wasla tagħhom fiż-żona Schengen u għalhekk ma setgħux jiġu rrifjutati d-dħul jew rriferuti għall-proċedura xierqa wara l-iskrinjar. L-applikazzjoni tal-iskrinjar tista' tgħin ukoll fl-aċċertament, permezz tal-konsultazzjoni tal-bażijiet tad-data msemmija f'dan ir-Regolament, li l-persuni kkonċernati ma jkunux ta' theddida għas-sigurtà interna. Sa tmiem l-iskrinjar fit-territorju, iċ-ċittadini ta'	***imħassar***

pajjiżi terzi kkonċernati jenħtieġ li jkunu soġġetti għal proċedura ta' ritorn jew, fejn japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, għall-proċedura ta' asil xierqa. Il-fatt li l-istess ċittadin ta' pajjiż terz jiġi soġġett għal skrinjar ripetut jenħtieġ li jiġi evitat kemm jista' jkun.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-iskrinjar jenħtieġ li jitlesta kemm jista' jkun malajr, u jenħtieġ li ma jaqbiżx il-ħamest ijiem ***meta jitwettaq fil-fruntiera esterna u t-tlitt ijiem meta jitwettaq fit-territorju ta' Stat Membru. Kwalunkwe estensjoni tal-limitu ta' żmien ta' ħamest ijiem jenħtieġ li tkun riżervata għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali fil-fruntieri esterni, fejn il-kapaċitajiet tal-Istat Membru li jimmaniġġja l-iskrinjar jinqabżu għal raġunijiet li ma jkollux kontroll fuqhom bħas-sitwazzjonijiet ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament XXX/XXX [proposta dwar il-kriżijiet].***	(19) L-iskrinjar jenħtieġ li jitlesta kemm jista' jkun malajr, u jenħtieġ li ma jaqbiżx il-ħamest ijiem.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-Istati Membri jenħtieġ li jiddeterminaw il-postijiet xierqa għall-iskrinjar fiil-fruntiera esterna jew qrib	***imħassar***

tagħha b'kunsiderazzjoni tal-ġeografija u l-infrastrutturi eżistenti, filwaqt li jiżguraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda kif ukoll dawk li jippreżentaw ruħhom f'punt ta' qsim tal-fruntiera jkunu jistgħu jiġu soġġetti malajr għall-iskrinjar. Il-kompiti relatati mal-iskrinjar jistgħu jitwettqu f'żoni hotspot kif imsemmi fil-punt (23) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23].

---

*[23] **Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.***

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-iskrinjar, jenħtieġ li tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament 2016/399, dawk imsemmija fl-Artikolu 5 ***tar-[Regolament*** dwar il-Proċeduri tal-Ażil] kif ukoll dawk responsabbli għat-twettiq ta' proċeduri ta' ritorn li jirrispettaw id-Direttiva ***2008/115. L-awtoritajiet*** għall-protezzjoni ***tat-tfal ukoll jenħtieġ li jkunu involuti mill-qrib fl-iskrinjar kull fejn ikun neċessarju biex jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal jitqiesu kif xieraq matul l-iskrinjar***. L-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jagħmlu użu mill-appoġġ tal-aġenziji rilevanti, b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-	(21) Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-iskrinjar, jenħtieġ li tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament ***(UE)*** 2016/399, dawk imsemmija fl-Artikolu 5 ***tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [Regolament*** dwar il-Proċeduri tal-Ażil] kif ukoll dawk responsabbli għat-twettiq ta' proċeduri ta' ritorn li jirrispettaw id-Direttiva ***2008/115/KE. F'dan ir-rigward, huwa importanti li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-ġbir ta' data personali, id-duplikazzjoni tal-obbligi fuq l-Istati Membri u l-applikanti*** għall-protezzjoni ***internazzjonali fir-rigward tal-proċeduri stabbiliti, u d-duplikazzjoni tar-regoli dwar il-kundizzjonijiet tal-akkoljenza u r-raġunijiet li għalihom tista' tinżamm***

Unjoni Ewropea ***għall-Asil***], fil-limiti tal-mandati tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvolvu lir-Rapporteurs nazzjonali kontra t-traffikar kull fejn l-iskrinjar jiżvela fatti rilevanti għat-traffikar f'konformità mad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24].	***persuna***. L-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew ***u huma mħeġġa*** jagħmlu użu mill-appoġġ tal-aġenziji rilevanti, b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ***għall-Ażil***], fil-limiti tal-mandati tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvolvu lir-Rapporteurs nazzjonali kontra t-traffikar kull fejn l-iskrinjar jiżvela fatti rilevanti għat-traffikar f'konformità mad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24].
[24] Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu (ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1).	[24] Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu (ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1).
	Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) L-awtoritajiet għall-protezzjoni tat-tfal, kull fejn ikun neċessarju, jenħtieġ li jkunu involuti mill-qrib fl-iskrinjar biex jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal jitqiesu kif xieraq matul l-iskrinjar. Jenħtieġ li jinħatar rappreżentant biex jirrappreżenta u jassisti lill-minorenni mhux akkumpanjat waqt l-iskrinjar. Fejn applikabbli, dan ir-rappreżentant jenħtieġ li jkun l-istess bħar-rappreżentant li għandu jinħatar f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva (UE) XXX/XXX [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza].
	Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Meta jitwettaq l-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkonformaw mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jiżguraw li tiġi rrispettata d-dinjità tal-bniedem, u jenħtieġ li ma jiddiskriminawx kontra persuni abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-aħjar interessi tat-tfal.	(22) Meta jitwettaq l-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkonformaw mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jiżguraw li tiġi rrispettata d-dinjità tal-bniedem, u jenħtieġ li ma jiddiskriminawx kontra persuni abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-aħjar interessi tat-tfal***, filwaqt li jitqies li d-detenzjoni amministrattiva għal skopijiet ta' migrazzjoni qatt ma tista' tkun fl-aħjar interess tat-tfal***.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul l-iskrinjar, kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u jimplimenta salvagwardji adegwati għall-indipendenza ***tiegħu***. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkopri b'mod partikolari r-rispett għad-drittijiet fundamentali fir-rigward ***tal-iskrinjar***, kif ukoll ir-rispett għar-regoli ***nazzjonali*** applikabbli fir-rigward tad-detenzjoni u l-konformità mal-prinċipju ta'	(23) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ***mal-wasla irregolari fil-fruntieri esterni tal-UE,*** matul ***is-sorveljanza fil-fruntieri,*** l-iskrinjar***, il-proċedura tal-ażil jew il-proċedura ta' ritorn***, kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u jimplimenta salvagwardji adegwati għall-indipendenza ***ta' dak il-mekkaniżmu, b'mod partikolari billi jinvolvi istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, ombudspersons***

non-refoulement kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) 2016/399. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tistabbilixxi gwida ġenerali dwar l-istabbiliment u l-funzjonament indipendenti ta' dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jitolbu l-appoġġ ***tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali*** għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jiksbu parir ***mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali*** fir-rigward tal-istabbiliment tal-metodoloġija għal dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u fir-rigward ta' miżuri ta' taħriġ xierqa. ***L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ.*** Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jenħtieġ li ***jkun*** mingħajr preġudizzju għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali pprovdut mill-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta previsti fir-Regolament (UE) 2019/1896. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestigaw allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali matul l-iskrinjar, inkluż billi jiżguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati malajr u b'mod xieraq.

nazzjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali jew organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti fil-ġestjoni u l-operat tal-mekkaniżmu. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkopri b'mod partikolari r-rispett għad-drittijiet fundamentali fir-rigward ***tas-sorveljanza fil-fruntieri, l-iskrinjar, il-proċeduri tal-asil u ta' ritorn***, kif ukoll ir-rispett għar-regoli applikabbli fir-rigward tad-detenzjoni u l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) 2016/399. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ***(FRA)*** jenħtieġ li tistabbilixxi gwida ġenerali dwar l-istabbiliment u l-funzjonament indipendenti ta' dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jitolbu l-appoġġ ***tal-FRA*** għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jiksbu parir ***mill-FRA*** fir-rigward tal-istabbiliment tal-metodoloġija għal dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u fir-rigward ta' miżuri ta' taħriġ xierqa. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jenħtieġ li ***jkun bħala żieda*** u mingħajr preġudizzju għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali pprovdut mill-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta previsti fir-Regolament (UE) 2019/1896***, il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-fini tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) kif stabbilit fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament tal-Aġenzija tal-UE għall-Asil] u l-monitoraġġ imwettaq minn korpi eżistenti ta' monitoraġġ nazzjonali jew internazzjonali.*** L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestigaw allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali matul ***is-sorveljanza fil-fruntieri,*** l-iskrinjar***, il-proċeduri tal-asil u ta' ritorn***, inkluż billi jiżguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati ***fil-pront,*** malajr u

kapaċi li jwasslu għall-identifikazzjoni u s-sanzjoni ta' dawk responsabbli b'mod xieraq.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sa tmiem l-iskrinjar, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jimlew formola ta' debriefing. Il-formola jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jew lill-awtoritajiet kompetenti għar-ritorn – skont lil min jiġi rriferut l-individwu***. *Fil-każ preċedenti, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jindikaw ukoll kwalunkwe element li jidher li jista' jkun rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġx li jissottomettu l-applikazzjoni taċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ikkonċernat ***għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew għall-proċedura fuq il-fruntiera.***	(24) Sa tmiem l-iskrinjar, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jimlew formola ta' debriefing. Il-formola jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jew lill-awtoritajiet kompetenti għar-ritorn – skont lil min jiġi rriferut l-individwu***, b'kopja mogħtija liċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ikkonċernat***.***

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Id-data bijometrika meħuda matul l-iskrinjar jenħtieġ li, flimkien mad-data msemmija fl-Artikoli [12, 13, 14 u 14a] tar-Regolament Eurodac tiġi trażmessa lill-Eurodac mill-awtoritajiet kompetenti	***imħassar***

f'konformità mal-iskadenzi previsti f'dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li jsir eżami preliminari tas-saħħa fuq il-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar fil-fruntieri esterni bil-għan li jiġu identifikati persuni li jeħtieġu kura immedjata jew li jeħtieġu li jittieħdu miżuri oħra, pereżempju iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. Jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni u ta' persuni vulnerabbli. ***Jekk ikun ċar miċ-ċirkostanzi li eżami bħal dan ma jkunx meħtieġ, b'mod partikolari minħabba li l-kundizzjoni ġenerali tal-persuna tidher li hija tajba ħafna, l-eżami jenħtieġ li ma jsirx u l-persuna kkonċernata jenħtieġ li tiġi infurmata b'dan il-fatt.*** L-eżami preliminari tas-saħħa jenħtieġ li jsir ***mill-awtoritajiet*** tas-saħħa tal-Istat Membru kkonċernat. ***Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda fit-territorju, l-eżami*** mediku ***preliminari jenħtieġ li jsir fejn jitqies meħtieġ mal-ewwel daqqa t'għajn***.	(26) Jenħtieġ li jsir eżami preliminari tas-saħħa fuq il-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar fil-fruntieri esterni bil-għan li jiġu identifikati persuni li jeħtieġu kura immedjata jew li jeħtieġu li jittieħdu miżuri oħra, pereżempju iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. Jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni u ta' persuni vulnerabbli. L-eżami preliminari tas-saħħa jenħtieġ li jsir ***mill-professjonisti mediċi kwalifikati tal-awtoritajiet*** tas-saħħa tal-Istat Membru kkonċernat. ***Għal dawk li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali, dan l-eżami jista' jifforma parti mill-eżami*** mediku ***f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil]***.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Waqt l-iskrinjar, il-persuni kkonċernati kollha jenħtieġ li jkunu	(27) Waqt l-iskrinjar, il-persuni kkonċernati kollha jenħtieġ li jkunu

garantiti livell ta' għajxien li jikkonforma mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jkollhom aċċess għal kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali għall-mard. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-individwi b'vulnerabbiltajiet, bħal nisa tqal, anzjani, familji b'ġenitur wieħed, persuni b'diżabbiltà fiżika jew mentali ***immedjatament identifikabbli***, persuni ***li viżibbilment sofrew trawma*** psikoloġika ***jew*** fiżika ***u minorenni mhux akkumpanjati***. B'mod partikolari, fil-każ ta' minorenni, l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata b'mod adattat għat-tfal u għall-età. L-awtoritajiet kollha involuti fit-twettiq tal-kompiti relatati mal-iskrinjar jenħtieġ li jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem, il-privatezza, u jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni jew imġiba diskriminatorja.

garantiti livell ta' għajxien li jikkonforma mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jkollhom aċċess għal kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali għall-mard. ***Fir-rigward ta dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, id-Direttiva (UE) XXX/XXX [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza] tapplika mill-mument li jagħmlu l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, u d-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva għandhom japplikaw għalihom.*** Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-individwi b'vulnerabbiltajiet, bħal ***minorenni, minorenni mhux akkumpanjati,*** nisa tqal, anzjani, familji b'ġenitur wieħed, ***vittmi tat-traffikar tal-bnedmin,*** persuni ***b'mard serju, persuni b'disturb mentali, persuni*** b'diżabbiltà fiżika jew mentali, persuni ***li ġew soġġetti għal tortura, stupru jew formi serji oħra ta' vjolenza*** psikoloġika***,*** fiżika ***jew sesswali***. B'mod partikolari, fil-każ ta' minorenni, l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata b'mod adattat għat-tfal u għall-età ***u jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll lir-rappreżentant tal-minorenni***. L-awtoritajiet kollha involuti fit-twettiq tal-kompiti relatati mal-iskrinjar jenħtieġ li jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem, il-privatezza, u jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni jew imġiba diskriminatorja.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Peress li ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma ***jkunux ġarrew*** id-dokumenti tal-identità u	(28) Peress li ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma ***jkollhomx*** id-dokumenti tal-identità u tal-

tal-ivvjaġġar meħtieġa għall-qsim legali tal-fruntiera esterna, jenħtieġ li tiġi ***prevista*** proċedura ta' identifikazzjoni bħala parti mill-iskrinjar.	ivvjaġġar meħtieġa għall-qsim legali tal-fruntiera esterna, jenħtieġ li tiġi ***pprovduta*** proċedura ta' identifikazzjoni bħala parti mill-iskrinjar.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità ("CIR") ġie stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar l-Interoperabbiltà)[25] biex jiffaċilita u jassisti fl-identifikazzjoni korretta tal-persuni rreġistrati fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES"), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS"), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar ("ETIAS"), il-Eurodac u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi ("ECRIS-TCN"), inkluż ta' persuni mhux magħrufa li ma jistgħux jidentifikaw lilhom infushom. Għal dak il-għan, is-CIR fih biss l-identità, id-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika rreġistrata fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN, separata b'mod loġiku. Id-data personali li hija strettament neċessarja biex isir kontroll tal-identità preċiż biss tinħażen fis-CIR. Id-data personali rreġistrata fis-CIR ***tinżamm għal mhux aktar minn dak li jkun strettament neċessarju għall-finijiet tas-sistemi sottostanti u jeħtieġ li*** titħassar b'mod awtomatiku malli d-data titħassar mis-sistemi sottostanti. Il-konsultazzjoni tas-CIR tippermetti l-identifikazzjoni affidabbli u eżawrjenti ta' persuni, li tagħmilha possibbli li tiġi kkonsultata d-	(29) Ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità ("CIR") ġie stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar l-Interoperabbiltà)[25] biex jiffaċilita u jassisti fl-identifikazzjoni korretta tal-persuni rreġistrati fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES"), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS"), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar ("ETIAS"), il-Eurodac u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi ("ECRIS-TCN"), inkluż ta' persuni mhux magħrufa li ma jistgħux jidentifikaw lilhom infushom. Għal dak il-għan, is-CIR fih biss l-identità, id-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika rreġistrata fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN, separata b'mod loġiku. Id-data personali li hija strettament neċessarja biex isir kontroll tal-identità preċiż biss tinħażen fis-CIR. Id-data personali rreġistrata fis-CIR titħassar b'mod awtomatiku malli d-data titħassar mis-sistemi sottostanti. Il-konsultazzjoni tas-CIR tippermetti ***l-verifika jew*** l-identifikazzjoni affidabbli u eżawrjenti ta' persuni, li tagħmilha possibbli li tiġi kkonsultata d-data kollha dwar l-identità preżenti fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN f'daqqa, b'mod

data kollha dwar l-identità preżenti fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN f'daqqa, b'mod rapidu u affidabbli, filwaqt li tiġi żgurata ***protezzjoni massima*** tad-data u jiġi evitat l-ipproċessar bla bżonn tad-data jew id-duplikazzjoni tagħha.

[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

rapidu u affidabbli, filwaqt li tiġi żgurata ***l-protezzjoni*** tad-data u jiġi evitat l-ipproċessar bla bżonn tad-data jew id-duplikazzjoni tagħha.

[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tiġi stabbilita l-identità tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar, jenħtieġ li tinbeda verifika fis-CIR fil-preżenza tal-persuna waqt l-iskrinjar. Matul dik il-verifika, id-data bijometrika tal-persuna jenħtieġ li tiġi ċċekkjata kontra d-data fis-CIR. Meta ma tkunx tista' tintuża d-data bijometrika ta' persuna jew jekk ma tkunx tista' ssir tiftixa b'dik id-data, it-tiftixa tista' titwettaq bid-data tal-identità tal-persuna flimkien mad-data tad-dokument tal-ivvjaġġar, fejn tali data tkun disponibbli. F'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità, u meta t-tiftixa tindika li d-data dwar dik il-persuna tkun maħżuna	(30) Sabiex tiġi ***vverifikata jew*** stabbilita l-identità tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar, jenħtieġ li tinbeda verifika fis-CIR fil-preżenza tal-persuna waqt l-iskrinjar. Matul dik il-verifika, id-data bijometrika tal-persuna jenħtieġ li tiġi ċċekkjata kontra d-data fis-CIR. Meta ma tkunx tista' tintuża d-data bijometrika ta' persuna jew jekk ma tkunx tista' ssir tiftixa b'dik id-data, it-tiftixa tista' titwettaq bid-data tal-identità tal-persuna flimkien mad-data tad-dokument tal-ivvjaġġar, fejn tali data tkun disponibbli. F'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità, u meta t-tiftixa tindika li d-data dwar dik il-

fis-CIR, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom aċċess għas-CIR biex jikkonsultaw id-data tal-identità, id-data tad-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika ta' dik il-persuna, mingħajr ma s-CIR tipprovdi ebda indikazzjoni dwar għal liema sistema ta' informazzjoni tal-UE tappartjeni d-data.

persuna tkun maħżuna fis-CIR, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom aċċess għas-CIR biex jikkonsultaw id-data tal-identità, id-data tad-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika ta' dik il-persuna, mingħajr ma s-CIR tipprovdi ebda indikazzjoni dwar għal liema sistema ta' informazzjoni tal-UE tappartjeni d-data.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Minħabba li ħafna persuni soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma ***jġorru*** l-ebda dokument tal-ivvjaġġar, l-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar jenħtieġ li jkollhom aċċess għal kwalunkwe dokument rilevanti ieħor miżmum mill-persuni kkonċernati f'każijiet fejn id-data bijometrika ta' dawn il-persuni ma tkunx tista' tintuża jew ma tagħti l-ebda riżultat fis-CIR. L-awtoritajiet jenħtieġ ukoll li jitħallew jużaw id-data minn dawk id-dokumenti, minbarra d-data bijometrika, biex iwettqu kontrolli kontra l-bażijiet tad-data rilevanti.	(32) Minħabba li ħafna persuni soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma ***jkollhom*** l-ebda dokument tal-ivvjaġġar, l-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar jenħtieġ li jkollhom aċċess għal kwalunkwe dokument rilevanti ieħor miżmum mill-persuni kkonċernati f'każijiet fejn id-data bijometrika ta' dawn il-persuni ma tkunx tista' tintuża jew ma tagħti l-ebda riżultat fis-CIR. L-awtoritajiet jenħtieġ ukoll li jitħallew jużaw id-data minn dawk id-dokumenti, minbarra d-data bijometrika, biex iwettqu kontrolli kontra l-bażijiet tad-data rilevanti.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) L-identifikazzjoni ta' persuni matul il-verifiki fuq il-fruntieri fil-punt ta' qsim tal-fruntiera u kwalunkwe konsultazzjoni	(33) L-identifikazzjoni ta' persuni matul il-verifiki fuq il-fruntieri fil-punt ta' qsim tal-fruntiera u kwalunkwe konsultazzjoni

tal-bażijiet tad-data fil-kuntest tas-sorveljanza fil-fruntieri jew tal-kontrolli tal-pulizija fiż-żona tal-fruntiera esterna mill-awtoritajiet li rreferew lill-persuna kkonċernata għall-iskrinjar jenħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-iskrinjar u ma jenħtieġ li ma jiġux ripetuti, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi speċjali li jiġġustifikaw tali ripetizzjoni.	tal-bażijiet tad-data fil-kuntest tas-sorveljanza fil-fruntieri jew tal-kontrolli tal-pulizija fiż-żona tal-fruntiera esterna mill-awtoritajiet li rreferew lill-persuna kkonċernata għall-iskrinjar jenħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-iskrinjar u ma jenħtieġ li ma jiġux ripetuti, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi speċjali li jiġġustifikaw tali ripetizzjoni. ***La huwa meħtieġ u lanqas proporzjonat li l-istess bażi tad-data tiġi kkonsultata diversi drabi fir-rigward tal-istess persuna. Il-ġbir ta' data personali, u b'mod partikolari t-teħid ta' data bijometrika, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament Eurodac], jenħtieġ li jsir darba biss bħala parti mill-iskrinjar.***
	Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ***tal-Artikoli*** 11(5) ***u 12(5)*** ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26]. Għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni rilevanti, jenħtieġ li tintuża l-proċedura ta' eżami.	(34) Sabiex tiżgura kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ***tal-Artikolu*** 11(5) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26]. Għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni rilevanti, jenħtieġ li tintuża l-proċedura ta' eżami.
[26] Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta'	[26] Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta'

implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).	implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Peress li l-iskrinjar jikkonċerna persuni preżenti fil-fruntiera esterna ***mingħajr*** ma ***jkunu jissodisfaw*** il-kundizzjonijiet tad-dħul, jew żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, il-verifiki tas-sigurtà bħala parti mill-iskrinjar jenħtieġ li jkunu ***tal-anqas*** ta' livell simili bħall-kontrolli mwettqa fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw minn qabel għal awtorizzazzjoni biex jidħlu fl-Unjoni għal soġġorn qasir, sew jekk ikunu taħt obbligu ta' viża u sew jekk le.	(36) Peress li l-iskrinjar jikkonċerna persuni preżenti fil-fruntiera esterna ***li jistgħu*** ma ***jissodisfawx*** il-kundizzjonijiet tad-dħul, jew ***li jkunu ġew*** żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, il-verifiki tas-sigurtà bħala parti mill-iskrinjar jenħtieġ li jkunu ta' livell simili bħall-kontrolli mwettqa fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw minn qabel għal awtorizzazzjoni biex jidħlu fl-Unjoni għal soġġorn qasir, sew jekk ikunu taħt obbligu ta' viża u sew jekk le.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) ***Mir-raġunament żviluppat fil-premessa (36) jirriżulta li*** fir-rigward ta' persuni soġġetti għall-iskrinjar, jenħtieġ li jitwettqu verifiki awtomatizzati għal finijiet ta' sigurtà kontra ***l-istess sistemi li huma previsti għal applikanti għal viża jew għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar taħt is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar: il-VIS, l-EES, l-ETIAS, l-SIS, l-ECRIS-TCN, il-Europol u l-SLTD u t-TDAWN***	(39) Fir-rigward ta' persuni soġġetti għall-iskrinjar, jenħtieġ li jitwettqu ***wkoll*** verifiki awtomatizzati għal finijiet ta' sigurtà kontra ***l-bażijiet tad-data rilevanti***.

tal-Interpol. Persuni soġġetti għall-iskrinjar jenħtieġ li jiġu vverifikati wkoll kontra l-ECRIS-TCN fir-rigward ta' persuni kkundannati għal reati terroristiċi u forom oħra ta' reati kriminali serji, id-data tal-Europol imsemmija fil-premessa 38 preċedenti, il-bażijiet tad-data tal-Interpol ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin u tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (TDAWN).

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Dawk il-kontrolli jenħtieġ li jitwettqu b'tali mod li jiżgura li d-data meħtieġa għat-twettiq tal-verifiki tas-sigurtà biss tinkiseb minn dawk il-bażijiet tad-data. Fir-rigward tal-persuni li jkunu talbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera, il-konsultazzjoni ta' bażijiet tad-data għall-verifika tas-sigurtà bħala parti mill-iskrinjar jenħtieġ li ***tiffoka fuq il-bażijiet*** tad-data li ma kinux ikkonsultati matul il-verifiki fuq il-fruntieri fil-fruntiera esterna***, u b'hekk jiġu evitati konsultazzjonijiet ripetuti***.	(40) Dawk il-kontrolli jenħtieġ li jitwettqu b'tali mod li jiżgura li d-data meħtieġa għat-twettiq tal-verifiki tas-sigurtà biss tinkiseb minn dawk il-bażijiet tad-data. Fir-rigward tal-persuni li jkunu talbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera, il-konsultazzjoni ta' bażijiet tad-data għall-verifika tas-sigurtà bħala parti mill-iskrinjar jenħtieġ li ***ssir biss sakemm xi waħda mill-bażijiet*** tad-data ***rilevanti*** li ma kinux ikkonsultati matul il-verifiki fuq il-fruntieri fil-fruntiera esterna***. La huwa meħtieġ u lanqas proporzjonat li l-istess bażi tad-data tiġi kkonsultata diversi drabi fir-rigward tal-istess persuna***.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Fejn ikun ġustifikat għall-fini tal-verifika tas-sigurtà, l-iskrinjar jista' jinkludi wkoll il-verifika ta' oġġetti fil-pussess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, skont il-liġi nazzjonali. Kwalunkwe miżura applikata ***f'dan il-kuntest*** jenħtieġ li tkun proporzjonata u jenħtieġ li tirrispetta ***d-dinjità*** tal-bniedem tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar. L-awtoritajiet involuti jenħtieġ li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali tal-individwi kkonċernati jiġu rrispettati, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u l-libertà tal-espressjoni.	(41) Fejn ikun ġustifikat għall-fini tal-verifika tas-sigurtà, l-iskrinjar jista' jinkludi wkoll il-verifika ta' oġġetti fil-pussess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, skont il-liġi nazzjonali. Kwalunkwe miżura applikata ***fil-kuntest ta' verifika tas-sigurtà*** jenħtieġ li tkun proporzjonata u jenħtieġ li tirrispetta ***l-prinċipji tad-dinjità*** tal-bniedem ***u tal-integrità fiżika u psikoloġika*** tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar. L-awtoritajiet involuti jenħtieġ li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali tal-individwi kkonċernati jiġu rrispettati, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u l-libertà tal-espressjoni.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Peress li l-aċċess għall-EES, l-ETIAS, il-VIS u l-ECRIS-TCN huwa meħtieġ biex l-awtoritajiet maħtura jwettqu l-iskrinjar sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuna tistax tkun ta' theddida għas-sigurtà interna jew għall-politika pubblika, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 2019/816, rispettivament, jenħtieġ li jiġu emendati biex jipprevedu dan id-dritt ta' aċċess addizzjonali li bħalissa mhuwiex previst minn dawk ir-Regolamenti. Fil-każ tar-Regolament (UE) Nru 2019/816, għal raġunijiet ta' ġeometrija varjabbli, din l-emenda jenħtieġ li sseħħ permezz ta' regolament differenti minn dak preżenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) ***Peress li l-implimentazzjoni effettiva tal-iskrinjar tiddependi mill-identifikazzjoni korretta tal-individwi kkonċernati u tal-isfond tas-sigurtà tagħhom,*** il-konsultazzjoni ta' bażijiet tad-data Ewropej ***għal*** dak l-għan ***hija ġġustifikata mill-istess objettivi*** li għalihom ġiet stabbilita kull waħda minn dawk il-bażijiet tad-data***, jiġifieri, il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, is-sigurtà interna tal-Unjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ażil u r-ritorn***.	(44) Il-konsultazzjoni ta' bażijiet tad-data Ewropej ***għall-fini ta' identifikazzjoni u verifiki tas-sigurtà waqt l-iskrinjar tista' tkun iġġustifikata sal-punt strettament meħtieġ biex jintlaħaq*** dak l-għan ***u f'konformità mal-objettivi*** li għalihom ġiet stabbilita kull waħda minn dawk il-bażijiet tad-data.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Premessa 44a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44a) Sabiex jiġu supplimentati ċerti aspetti mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-proċedura għall-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' data personali bejn l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-iskrinjar u awtoritajiet kompetenti oħra biex jiġi ddeterminat ir-riskju għas-sigurtà interna, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi ddelegata bis-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet

xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li tali konsultazzjonijiet isiru b'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-tisħiħ tal-kontroll ta' persuni li ***waslu biex*** jidħlu fiż-żona Schengen u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa, ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri waħedhom, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli komuni fil-livell tal-Unjoni. B'hekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.	(45) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-tisħiħ tal-kontroll ta' persuni li ***jidħlu*** fiż-żona Schengen u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa, ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri waħedhom, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli komuni fil-livell tal-Unjoni. B'hekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Suġġett ***u kamp ta' applikazzjoni***	Suġġett

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***l-iskrinjar*** fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jkunu qasmu l-fruntiera esterna b'mod ***mhux awtorizzat***, ta' dawk li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali matul il-verifiki fuq il-fruntieri mingħajr ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, kif ukoll ta' dawk żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ***, qabel ma*** jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***proċedura ta' skrinjar*** fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jkunu qasmu l-fruntiera esterna b'mod ***irregolari***, ta' dawk li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali matul il-verifiki fuq il-fruntieri mingħajr ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, kif ukoll ta' dawk żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ ***sabiex*** jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun it-tisħiħ tal-kontroll ta' persuni li jkunu se jidħlu fiż-żona Schengen u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun ***l-identifikazzjoni taċ-ċittadini*** kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u ***l-verifika*** mal-bażijiet tad-data rilevanti ***li l-persuni*** soġġetti għalih mhumiex ta' theddida għas-sigurtà interna. L-iskrinjar għandu jinvolvi wkoll verifiki tas-saħħa***, fejn xieraq, biex jiġu identifikati*** persuni vulnerabbli u fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa kif ukoll ***dawk*** li huma ta' theddida għas-saħħa pubblika. ***Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.***	L-għan tal-iskrinjar għandu jkun ***li jfittex li jidentifika ċ-ċittadini*** kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u ***li jivverifika*** mal-bażijiet tad-data rilevanti ***jekk il-persuni*** soġġetti għalih mhumiex ta' theddida għas-sigurtà interna. L-iskrinjar għandu jinkludi wkoll verifiki tas-saħħa ***obbligatorji biex jinbeda l-proċess ta' identifikazzjoni ta'*** persuni vulnerabbli***, dawk bi ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali,*** u ***dawk*** fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa***,*** kif ukoll ***persuni*** li ***possibbilment*** huma ta' theddida għas-saħħa pubblika.

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-iskrinjar għandu jitwettaq ukoll fit-territorju tal-Istati Membri meta ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kienu soġġetti għal verifiki fuq il-fruntieri esterni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. "qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna" tfisser qsim ta' fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, f'postijiet li mhumiex punti ta' qsim tal-fruntiera jew f'ħinijiet li mhumiex il-ħinijiet ta' ftuħ stabbiliti, kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2016/399;	***imħassar***

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. "data bijometrika" tfisser data tal-marki tas-swaba' u data tal-immaġni tal-wiċċ fit-tifsira tal-Artikolu 3, punt (p), tar-Regolament (UE) xxxx/202x [ir-Regolament Eurodac];

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. "persuna mingħajr Stat" tfisser persuna mingħajr Stat kif stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi, iffirmata fi New York fit-28 ta' Settembru 1954, fil-verżjoni oriġinali tagħha;

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5c. "rappreżentant" tfisser persuna jew organizzazzjoni, inkluża awtorità pubblika ddeżinjata mill-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti, bil-ħiliet u l-kompetenza meħtieġa, inkluż fir-rigward tat-trattament u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' minorenni, sabiex jirrappreżentaw, jassistu u jaġixxu f'isem minorenni mhux akkumpanjat, kif applikabbli, sabiex jissalvagwardjaw l-aħjar interessi u l-benesseri ġenerali tiegħu jew sabiex il-minorenni mhux akkumpanjat ikun jista' jgawdi d-drittijiet u jikkonforma mal-obbligi skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skrinjar fil-fruntiera esterna	***Kamp ta' applikazzjoni***

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim ***mhux awtorizzat*** tal-fruntiera esterna ta'	(a) jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim ***irregolari*** tal-fruntiera esterna ta' Stat

Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013 għal raġunijiet għajr l-età tagħhom, jew	Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013 għal raġunijiet għajr l-età tagħhom, jew

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-iskrinjar huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/399***, ħlief is-sitwazzjoni fejn il-benefiċjarju ta' deċiżjoni individwali maħruġa mill-Istat Membru abbażi tal-Artikolu 6(5)(c) ta' dak ir-Regolament ikun qed ifittex protezzjoni internazzjonali***.	3. L-iskrinjar huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/399.

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Awtorizzazzjoni ***għad-dħul*** fit-territorju ta' Stat Membru	Awtorizzazzjoni ***biex wieħed jidħol u jibqa'*** fit-territorju ta' Stat Membru

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) ***ma għandhomx*** ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru.	1. Matul l-iskrinjar***, f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) xxxx/202x [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil]***, il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) ***li jkunu applikaw għall-protezzjoni internazzjonali għandhom ikunu awtorizzati li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru.*** ***Sabiex dan id-dritt isir effettiv, u fir-rigward tal-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (UE) 2016/399, il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u 2 li jkunu applikaw għall-protezzjoni internazzjonali għandhom ukoll*** ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun jidher ċar matul l-iskrinjar li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-iskrinjar għandu jitwaqqaf u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' penali kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 5	***imħassar***
Skrinjar fit-territorju	
L-Istati Membri għandhom japplikaw l-iskrinjar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinstabu fit-territorju tagħhom fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li jkunu qasmu fruntiera esterna biex daħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod awtorizzat.	

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3,*** l-iskrinjar ***għandu*** jitwettaq ***f'postijiet li jinsabu*** fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom.	1. L-iskrinjar ***jista'*** jitwettaq ***fi kwalunkwe post xieraq fit-territorju ta' Stat Membru, inkluż*** fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom***, b'mod partikolari, fejn il-persuni kkonċernati b'mod ċar ma jkunux qed ifittxu protezzjoni internazzjonali***.

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-organizzazzjonijiet u l-persuni li jipprovdu pariri u konsulenza għandu

	jkollhom aċċess effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari għal dawk li jkunu qed jinżammu f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni.

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 5, l-iskrinjar għandu jitwettaq fi kwalunkwe post xieraq fit-territorju ta' Stat Membru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid fiż-żona tal-fruntiera esterna, l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-fruntiera. ***F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jeħtieġ li jkunu soġġetti għall-iskrinjar fl-istess ħin, li fil-prattika jagħmilha impossibbli li l-iskrinjar jiġi konkluż f'dak il-limitu ta' żmien, il-perjodu ta' ħamest ijiem jista' jiġi estiż b'massimu ta' ħamest ijiem addizzjonali.***	L-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid fiż-żona tal-fruntiera esterna, l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-fruntiera.

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fil-paragrafu 3. Huma għandhom ukoll jgħarrfu lill-Kummissjoni hekk kif ir-raġunijiet għall-estensjoni tal-perjodu ta' skrinjar ma jkunux għadhom jeżistu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien tlitt ijiem mill-qbid.	***imħassar***

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar jingħataw livell ta' għajxien li

	jiggarantixxi s-sussistenza tagħhom, jipproteġi s-saħħa fiżika u mentali tagħhom, u jirrispetta d-drittijiet tagħhom skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) xxxx/xxxx [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza] għandhom japplikaw għall-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva, mill-mument li jagħmlu l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) verifika preliminari tas-saħħa ***u tal-vulnerabbiltà*** kif imsemmi fl-Artikolu 9;	(a) verifika preliminari tas-saħħa kif imsemmi fl-Artikolu 9;

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) verifika tal-vulnerabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 9;

Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) identifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10;	(b) identifikazzjoni ***u verifika tal-identità*** kif imsemmi fl-Artikolu 10;

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) reġistrazzjoni tad-data bijometrika ***fil-bażijiet tad-data xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 14(6), sa fejn din tkun għadha ma seħħitx***;	(c) reġistrazzjoni tad-data bijometrika ***f'konformità mal-Artikoli 10, 13 u 14a tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament Eurodac]***;

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) verifika tas-sigurtà kif imsemmi fl-Artikolu 11;	(d) verifika tas-sigurtà kif imsemmi fl-Artikolu 11;

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) riferiment għall-proċedura xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 14.	(f) riferiment għall-proċedura xierqa ***jew ċaħda ta' dħul*** kif imsemmi fl-Artikolu 14.

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu l-iskrinjar. Huma għandhom jużaw persunal xieraq u riżorsi suffiċjenti biex iwettqu l-iskrinjar b'mod effiċjenti.	L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu l-iskrinjar ***u għandhom jiżguraw li l-persunal ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti li se jwettqu l-iskrinjar ikollu l-għarfien xieraq u jkun ingħata t-taħriġ meħtieġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru XXX/ XXX [ir-Regolament tal-Aġenzija tal-UE għall-Asil]***. Huma għandhom jużaw persunal xieraq u riżorsi suffiċjenti biex iwettqu l-iskrinjar b'mod effiċjenti.

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jaħtru ***persunal mediku kwalifikat*** biex ***iwettaq il-verifika*** tas-saħħa prevista fl-Artikolu 9. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u r-rapporteurs nazzjonali kontra t-traffikar għandhom ikunu involuti wkoll, fejn xieraq.	L-Istati Membri għandhom jaħtru ***professjonisti mediċi kwalifikati*** biex ***iwettqu l-verifika*** tas-saħħa prevista fl-Artikolu 9. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u r-rapporteurs nazzjonali kontra t-traffikar għandhom ikunu involuti wkoll, fejn xieraq.

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġu assistiti jew appoġġati fit-twettiq tal-iskrinjar minn esperti jew uffiċjali u timijiet ta' kollegament mibgħuta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ***għall-Asil***] fil-limiti tal-mandati tagħhom.	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġu assistiti jew appoġġati fit-twettiq tal-iskrinjar minn esperti jew uffiċjali u timijiet ta' kollegament mibgħuta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ***għall-Ażil***] fil-limiti tal-mandati tagħhom***, dment li dawn l-esperti ikollhom it-taħriġ u l-kwalifiki rilevanti kif stabbilit fl-ewwel żewġ subparagrafi***.

Or. en

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom	1. L-Istati Membri għandhom

jadottaw id-dispożizzjonijiet rilevanti biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali ***fir-rigward tal-iskrinjar***.	jadottaw id-dispożizzjonijiet rilevanti biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali ***waqt is-sorveljanza fil-fruntieri u l-proċeduri ta' skrinjar, ta' ażil u ta' ritorn u għandhom jadottaw dispożizzjonijiet taħt il-liġi nazzjonali għall-penalizzazzjoni ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali***. ***Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.***

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul ***l-iskrinjar***;	— biex tiġi żgurata l-konformità ***mal-Unjoni u*** mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul ***is-sorveljanza fil-fruntieri u l-proċeduri ta' skrinjar, ta' ażil u ta' ritorn***;

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – inċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- biex jiġu mmonitorjati l-investigazzjonijiet, u fejn meħtieġ jingħata bidu għal investigazzjonijiet bħal dawn, dwar allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett għad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet rilevanti kollha b'rabta mas-sorveljanza fil-fruntieri, il-proċeduri ta' skrinjar, ta' ażil u ta' ritorn, għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li:

(a) ikunu involuti fi qsim irregolari tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013 minħabba raġunijiet oħra għajr l-età tagħhom;

(b) jiġu żbarkati fit-territorju ta' Stat Membru wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, jew

(c) japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali f'punti ta' qsim tal-fruntiera esterna jew f'żoni ta' tranżitu u ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399.

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – inċiż 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-asil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed;

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— fejn applikabbli, biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli ***nazzjonali*** dwar id-detenzjoni tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet ***u t-tul*** ta' żmien tad-detenzjoni;	— fejn applikabbli, biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli ***rilevanti*** dwar id-detenzjoni tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet***, it-tul*** ta' żmien ***u l-kundizzjonijiet*** tad-detenzjoni;

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- biex tiġi żgurata l-konformità mas-salvagwardji proċedurali applikabbli għall-persuna kkonċernata.

Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-asil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.	***imħassar***

Or. en

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu ***u għandhom jinvolvu istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, ombudspersons nazzjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali jew organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti fil-ġestjoni u fl-operat tal-mekkaniżmu. Sakemm waħda jew aktar minn dawk l-istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet ma jkunux direttament involuti fil-mekkaniżmu, il-korpi responsabbli għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għandhom jistabbilixxu u jżommu rabtiet mill-qrib magħhom.***

Or. en

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sabiex il-mekkaniżmu jkun effettiv, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-korpi responsabbli għall-mekkaniżmu b'aċċess għall-postijiet, l-individwi u d-dokumenti kollha rilevanti, sakemm tali aċċess ikun meħtieġ biex jippermetti lill-korpi responsabbli għall-mekkaniżmu jissodisfaw l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Barra minn hekk, il-korpi responsabbli għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għandhom jistabbilixxu u jżommu rabtiet mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data u mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jitolbu ***lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali*** biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inkluż is-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta' taħriġ xierqa.	***L-FRA*** għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jitolbu ***lill-FRA*** biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inkluż is-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta' taħriġ xierqa.

Or. en

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-mekkaniżmi msemmija hawn fuq għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-fini ta' monitoraġġ tal-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-SEKA kif stabbilit fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament tal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil] u għar-rwol tal-osservaturi tad-drittijiet fundamentali fil-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta kif stabbilit fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2019/1896 [ir-Regolament tal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil].

Or. en

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Iċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi soġġetti	1. ***L-Istati Membri għandhom***

għall-iskrinjar ***għandhom ikunu infurmati fil-qosor*** dwar l-għan u l-modalitajiet tal-iskrinjar:

jinfurmaw liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar dwar l-għan u l-modalitajiet tal-iskrinjar***, inkluż***:

Or. en

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-passi u ***l-modalitajiet*** tal-iskrinjar kif ukoll ir-riżultati possibbli tal-iskrinjar;	(a) il-passi u ***t-tul ta' żmien*** tal-iskrinjar kif ukoll ir-riżultati possibbli tal-iskrinjar;

Or. en

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-possibbiltà li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fiċ-ċirkostanzi speċifikati fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) xxxx/202x [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil];

Or. en

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Matul l-iskrinjar, huma*** għandhom	2. ***Fil-bidu tal-iskrinjar, l-Istati***

jirċievu wkoll, kif xieraq, informazzjoni dwar:	***Membri*** għandhom ***ukoll***, kif xieraq, ***jipprovdu*** informazzjoni dwar:

Or. en

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-obbligu ta' ritorn ***ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment*** skont id-Direttiva XXXXX [id-Direttiva dwar ir-Ritorn];	(c) l-obbligu ta' ritorn skont id-Direttiva XXXXX [id-Direttiva dwar ir-Ritorn];

Or. en

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***l-informazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/679[35] [GDPR];	(f) ***id-drittijiet*** imsemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/679[35] [GDPR], ***fl-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2016/680[35a] [id-Direttiva tal-Pulizija] u fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1725[35b]***.
[35] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016	[35] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016
	[35a] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-

27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (id-Direttiva tal-Pulizija), ĠU L 119/89, 4.5.2016

[35a] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠAI 295, 21.11.2018

Or. en

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni pprovduta waqt l-iskrinjar għandha tingħata f'lingwa li ***ċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz jifhem ***jew li jkun raġonevolment mistenni li jifhem***. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub u, ***f'ċirkostanzi eċċezzjonali,*** fejn meħtieġ, b'mod orali bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni. Din għandha tiġi pprovduta b'mod xieraq filwaqt li jitqiesu l-età u l-ġeneru tal-persuna.	3. L-informazzjoni pprovduta waqt l-iskrinjar għandha tingħata f'lingwa li ***jifhem iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub ***f'forma konċiża u faċilment aċċessibbli, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi*** u, fejn meħtieġ, b'mod orali bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni. Din għandha tiġi pprovduta b'mod xieraq filwaqt li jitqiesu l-età u l-ġeneru tal-persuna.

Or. en

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għal dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali, din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta fl-istess ħin bħall-informazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil].
	L-awtoritajiet responsabbli għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex ikunu disponibbli servizzi ta' interpretazzjoni u, jekk ikun meħtieġ u xieraq, servizzi ta' medjazzjoni kulturali li jiffaċilitaw l-aċċess għall-proċedura għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar imsemmija fl-Artikolu 3 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari bil-ħsieb li tiġi identifikata kwalunkwe ħtieġa ta' kura immedjata jew iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika***, sakemm, abbażi taċ-ċirkostanzi li jkunu jikkonċernaw l-istat ġenerali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi individwali kkonċernati u r-raġunijiet għaliex ikunu ġew riferuti għall-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jkunu sodisfatti li ma jkun meħtieġ l-ebda skrinjar mediku preliminari. F'dak il-każ, huma għandhom jinfurmaw lil dawk il-persuni***	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar imsemmija fl-Artikolu 3 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari ***minn professjonisti mediċi kwalifikati*** bil-ħsieb li tiġi identifikata kwalunkwe ħtieġa ta' kura immedjata jew iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika.

b'dan.

Or. en

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għal dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali, il-verifika tas-saħħa msemmija fl-ewwel subparagrafu tista' tifforma parti mill-eżami mediku kif stabbilit fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil].

Or. en

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fejn ikun rilevanti, għandu jiġi vverifikat*** jekk il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 humiex f'sitwazzjoni vulnerabbli, vittmi tat-tortura jew għandhomx ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu ***20*** tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza ***[riformulazzjoni]***.	2. ***L-Istati Membri għandhom jivverifikaw*** jekk il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 humiex f'sitwazzjoni vulnerabbli, ***humiex*** vittmi tat-tortura***, humiex mingħajr Stat jew f'riskju ta' apolidija,*** jew għandhomx ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu ***21*** tad-Direttiva ***(UE) xxxx/xxxx [id-Direttiva*** dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza***] u tal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil]***.

Or. en

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn jitqies meħtieġ abbażi taċ-ċirkostanzi, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari, b'mod partikolari biex tiġi identifikata kwalunkwe kundizzjoni medika li teħtieġ kura immedjata, assistenza speċjali jew iżolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Garanziji speċjali għal minorenni mhux akkompanjati
	1. L-Istati Membri għandhom malajr kemm jista' jkun jieħdu miżuri biex jiżguraw li rappreżentant jirrappreżenta u jassisti lill-minorenni mhux akkumpanjat matul l-iskrinjar. Fejn applikabbli, dan ir-rappreżentant għandu jkun l-istess persuna bħar-rappreżentant li għandu jinħatar f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva (UE) XXX/XXX [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza]. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jiġi infurmat immedjatament bil-ħatra tar-rappreżentant. Ir-rappreżentant għandu jwettaq dmirijietu f'konformità mal-prinċipju tal-aħjar interessi tal-minorenni u għandu jkollu l-għarfien espert meħtieġ għal dak il-għan. Sabiex

jiġi żgurat il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni l-persuna li taġixxi bħala rappreżentant għandha tinbidel biss meta jkun meħtieġ. L-organizzazzjonijiet jew individwi li l-interessi tagħhom ma jaqblux jew jistgħu potenzjalment ma jaqblux ma' dawk tal-minorenni mhux akkumpanjat ma għandhomx ikunu eliġibbli li jsiru rappreżentanti.
2. L-Istati Membri għandhom jinkarigaw persuna fiżika li tkun nominata bħala rappreżentant jew il-persuna msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva (UE) XXX/XXX [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza] minn għadd proporzjonat u limitat ta' minorenni mhux akkumpanjati u, f'ċirkostanzi normali, ta' mhux aktar minn tletin fl-istess ħin biex jiġi żgurat li hu jew hi jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Identifikazzjoni	***Verifika tal-identità jew*** identifikazzjoni

Or. en

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa fejn dan ikun għadu ma sarx matul l-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tar-	1. Sa fejn dan ikun għadu ma sarx matul l-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tar-

Regolament (UE) 2016/399, l-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 ***jew l-Artikolu 5*** għandha tiġi vverifikata jew stabbilita, billi ***jintużaw b'mod partikolari*** dan li ġej***, flimkien ma' bażijiet tad-data nazzjonali u Ewropej***:	Regolament (UE) 2016/399, l-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 għandha tiġi vverifikata jew stabbilita, billi ***jintuża, fejn applikabbli,*** dan li ġej:
	Or. en

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-fini tal-identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu ***fi kwalunkwe bażi tad-data nazzjonali rilevanti kif ukoll*** fir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR) imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817. Id-data bijometrika ta' ***ċittadin*** ta' ***pajjiż terz li tkun ittieħdet dak il-ħin matul l-iskrinjar, kif ukoll id-data dwar l-identità u, fejn disponibbli, id-data dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar, għandhom jintużaw għal dak il-għan***.	2. Għall-fini ***tal-verifika u*** tal-identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu fir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR) imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817 u ***s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)***. Id-data bijometrika ta' ***ċittadini*** ta' ***pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar għandha tittieħed darba biss għall-fini kemm ta' verifika jew identifikazzjoni kif ukoll tar-reġistrazzjoni fl-Eurodac ta' dik il-persuna***.
	Or. en

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta d-data bijometrika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma tkunx tista' tintuża jew meta t-tfittxija b'dik id-data ***msemmija fil-paragrafu 2*** ma tirnexxix, it-tfittxija kif	3. Meta d-data bijometrika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma tkunx tista' tintuża jew meta t-tfittxija b'dik id-data ma tirnexxix, it-tfittxija kif imsemmija fil-paragrafu 2

imsemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bid-data tal-identità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, flimkien ma' kwalunkwe data ta' dokument tal-identità, tal-ivvjaġġar jew dokument ieħor jew bid-data dwar l-identità pprovduta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

għandha ssir bid-data tal-identità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, flimkien ma' kwalunkwe data ta' dokument tal-identità, tal-ivvjaġġar jew dokument ieħor jew bid-data dwar l-identità pprovduta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 ***jew l-Artikolu 5*** għandha ssirilhom verifika tas-sigurtà biex jiġi vverifikat li ma jikkostitwixxux theddida għas-sigurtà interna. Il-verifika tas-sigurtà tista' tkopri kemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll l-oġġetti fil-pussess tagħhom. Il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat għandha tapplika għal kwalunkwe tiftix li jsir.	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 għandha ssirilhom verifika tas-sigurtà biex jiġi vverifikat li ma jikkostitwixxux theddida għas-sigurtà interna. Il-verifika tas-sigurtà tista' tkopri kemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll l-oġġetti fil-pussess tagħhom. Il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat għandha tapplika għal kwalunkwe tiftix li jsir.

Or. en

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Bil-għan li titwettaq il-verifika tas-sigurtà msemmija fil-paragrafu 1, u sa fejn ma jkunux diġà ***għamlu dan*** f'konformità mal-Artikolu 8(3)***, il-punt (a)(vi),*** tar-Regolament (UE) 2016/399, ***l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu fil-bażijiet*** tad-data ***nazzjonali u*** tal-Unjoni rilevanti, b'mod partikolari fis-Sistema ta'	2. Bil-għan li titwettaq il-verifika tas-sigurtà msemmija fil-paragrafu 1, u sa fejn ***dan*** ma jkunx diġà ***sar fil-kuntest tal-verifiki mwettqa*** f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2016/399, ***għandhom jiġu mfittxija l-bażijiet*** tad-data tal-Unjoni rilevanti, b'mod partikolari fis-Sistema ta' Informazzjoni ta'

Informazzjoni ta' Schengen (SIS).	Schengen (SIS).

Or. en

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sa fejn ma jkunx diġà sar dan matul il-kontrolli msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-awtorità kompetenti għandha tfittex fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), inkluża l-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS imsemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-sistema ECRIS-TCN sa fejn huma kkonċernati l-kundanni relatati ma' reati terroristiċi u forom oħra ta' reati kriminali serji, id-data tal-Europol ipproċessata għall-fini msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2016/794, u l-bażi tad-data tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (Interpol TDAWN) tal-Interpol bid-data msemmija fl-Artikolu 10(1) u bl-użu mill-inqas tad-data msemmija fil-punt (c) tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fir-rigward tal-konsultazzjoni tas-

sistema ECRIS-TCN, id-data rkuprata għandha tkun limitata għal kundanni relatati ma' reati terroristiċi u forom oħra ta' reati kriminali serji.

Or. en

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Kwalunkwe tiftixa tal-bażijiet tad-data tal-Interpol għall-finijiet tal-paragrafu 2 għandha ssir biss meta jkun żgurat li l-ebda informazzjoni ma tiġi żvelata lis-sid tat-twissija tal-Interpol.

Or. en

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-tiftixiet previsti fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 11(2) ***jistgħu*** jiġu mnedija, għal tiftixiet relatati mas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u s-CIR, bl-użu tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2019/818[36].	1. It-tiftixiet previsti fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 11(2) ***ta' dan ir-Regolament għandhom*** jiġu mnedija, għal tiftixiet relatati mas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u s-CIR, bl-użu tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2019/818[36].
[36] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-	[36] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-

ażil u l-migrazzjoni (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).	ażil u l-migrazzjoni (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

Or. en

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jinkiseb qbil wara tiftixa kif previst fl-Artikolu 11(3) mad-data f'waħda mis-sistemi ta' informazzjoni, l-awtorità kompetenti għandu jkollha aċċess biex tikkonsulta l-fajl li jikkorrispondi għal dak il-qbil fis-sistema ta' informazzjoni rispettiva sabiex tiddetermina r-riskju għas-sigurtà interna kif imsemmi fl-Artikolu 11(1).	***imħassar***

Or. en

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn tiftixa kif prevista fl-Artikolu 11(3) tirrapporta qbil mad-data tal-Europol, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tinforma lill-Europol sabiex tieħu, jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe azzjoni ta' segwitu xierqa skont il-leġiżlazzjoni rilevanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn tiftixa kif prevista fl-Artikolu 11(3) tirrapporta qbil mal-bażi tad-data tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (Interpol TDAWN) tal-Interpol, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tinforma lill-Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol tal-Istat Membru li nieda t-tiftixa sabiex jieħu, jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe azzjoni ta' segwitu xierqa skont il-leġiżlazzjoni rilevanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** biex tispeċifika l-proċedura għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-iskrinjar***, l-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol, l-unità nazzjonali tal-Europol,*** u ***l-awtoritajiet ċentrali ta' ECRIS-TCN, rispettivament,*** biex jiġi ddeterminat ***ir-riskju*** għas-sigurtà interna. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).***	5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tissupplimenta dan ir-Regolament*** biex tispeċifika l-proċedura għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-iskrinjar u ***awtoritajiet kompetenti oħra*** biex jiġi ddeterminat ***theddid*** għas-sigurtà interna.

Or. en

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Malli jitlesta l-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom***, fir-rigward tal-persuni msemmija fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 5,*** jimlew il-formola fl-Anness I li jkun fiha:	Malli jitlesta l-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimlew il-formola ***stabbilita*** fl-Anness I li jkun fiha ***l-informazzjoni li ġejja fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 3***:

Or. en

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-indikazzjoni inizjali taċ-ċittadinanzi, il-pajjiżi ta' residenza qabel il-wasla u l-lingwi mitkellma;	(b) l-indikazzjoni inizjali ***tagħhom*** taċ-ċittadinanzi ***jew tal-apolidija***, il-pajjiżi ta' residenza qabel il-wasla u l-lingwi mitkellma;

Or. en

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-raġuni ***għall-wasla mhux awtorizzata, id-dħul, u, fejn xieraq, ir-residenza jew is-soġġorn illegali, inkluża informazzjoni dwar jekk il-persuna tkunx għamlet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali***;	(c) ir-raġuni ***li għaliha twettaq l-iskrinjar***;

Or. en

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-informazzjoni miksuba dwar ir-rotot ivvjaġġati, inkluż il-punt tat-tluq, il-postijiet ta' residenza preċedenti, il-pajjiżi terzi ta' tranżitu u dawk fejn setgħet ġiet mitluba jew mogħtija l-protezzjoni kif ukoll id-destinazzjoni maħsuba fl-Unjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-informazzjoni dwar l-assistenza pprovduta minn persuna jew organizzazzjoni kriminali fir-rigward ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera, u kwalunkwe informazzjoni relatata f'każijiet ta' suspett ta' faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) informazzjoni dwar vulnerabbiltà jew ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali identifikati waqt l-iskrinjar, u dwar kwalunkwe verifika tas-saħħa jew

eżami mediku mwettqa;

Or. en

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) informazzjoni dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz applikax għall-protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ec) informazzjoni dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandux membri tal-familja jew qraba li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fejn tali informazzjoni tkun disponibbli, il-formola għandha tinkludi:
	(a) ir-raġuni għall-wasla jew għad-dħul irregolari;

(b) l-informazzjoni miksuba dwar ir-rotot ivvjaġġati, inkluż il-punt tat-tluq, il-postijiet ta' residenza preċedenti, il-pajjiżi terzi ta' tranżitu u dawk fejn setgħet ġiet mitluba jew mogħtija l-protezzjoni internazzjonali kif ukoll id-destinazzjoni maħsuba fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— ***ma applikawx għall-protezzjoni*** internazzjonali u	— ***jidher ċar li mhumiex qed ifittxu protezzjoni*** internazzjonali u

Or. en

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet kompetenti biex japplikaw proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva (UE) 2008/115/KE ***(***id-Direttiva dwar ir-Ritorn***)***.	għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet kompetenti biex japplikaw proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva (UE) 2008/115/KE ***[***id-Direttiva dwar ir-Ritorn***], mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/399***.

Or. en

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każijiet mhux relatati ma' operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, id-dħul jista' jiġi rrifjutat skont l-Artikolu 14 tar-Regolament 2016/399.	F'każijiet mhux relatati ma' operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ ***u mhux koperti mill-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament***, id-dħul jista' jiġi rrifjutat skont l-Artikolu 14 tar-Regolament 2016/399.

Or. en

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu XY tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], flimkien mal-formola msemmija fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament. ***F'dik l-okkażjoni, l-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar għandhom jindikaw fil-formola ta' debriefing kwalunkwe element li, mal-ewwel daqqa ta' għajn, ikun jidher li huwa rilevanti biex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jiġu rriferuti għall-proċedura ta' eżami aċċellerata jew għall-proċedura fuq il-fruntiera.***	2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ***jagħmlu jew ikunu*** għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu XY tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], flimkien mal-formola msemmija fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi	***imħassar***

msemmija fl-Artikolu 5, li

— ma applikawx għall-protezzjoni internazzjonali u

— fir-rigward tagħhom l-iskrinjar ma jkunx żvela li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul u s-soġġorn

għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri ta' ritorn li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE.

Or. en

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 5 jagħmlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil), il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu japplika kif meħtieġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Sabiex tkun f'pożizzjoni li teżerċita b'mod effettiv id-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/679 [GDPR], fl-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2016/680 [id-Direttiva tal-Pulizija] u fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1725, b'mod

	partikolari d-dritt li titlob mingħand il-kontrollur tad-data aċċess għal data personali, u rettifika jew tħassir tagħha, u d-dritt li tressaq ilment ma' awtorità superviżorja, il-persuna kkonċernata għandha tingħata kopja tal-formola fl-istess ħin li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet rilevanti kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom japplika r-Regolament UE Nru XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu d-data bijometrika msemmija fl-Artikoli [10, 13, 14 u 14a] ta' dak ir-Regolament (UE) u jittrażmettuha skont dak ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Iċ-ċittadini ***ta' pajjiżi*** terzi msemmija fl-Artikolu 3(1) u ***l-Artikolu 5*** jiġu rriferuti għal proċedura xierqa rigward l-eżil jew ir-ritorn, l-iskrinjar jintemm. Meta ma jkunux tlestew il-kontrolli kollha sad-dati ta' skadenza msemmija fl-Artikolu 6(3) ***u (5)***, l-iskrinjar għandu madankollu jintemm fir-rigward ta' dik il-	7. Iċ-ċittadini ***tal-pajjiżi*** terzi msemmija fl-Artikolu 3(1) u ***(2) ta' dan ir-Regolament*** jiġu rriferuti għal proċedura xierqa rigward l-eżil jew ir-ritorn***, jew fejn id-dħul jiġi rrifjutat f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament 2016/399***, l-iskrinjar jintemm. Meta ma jkunux tlestew il-kontrolli kollha sad-dati ta' skadenza

persuna, li għandha tiġi rriferuta għal proċedura rilevanti.	msemmija fl-Artikolu 6(3), l-iskrinjar għandu madankollu jintemm fir-rigward ta' dik il-persuna, li għandha tiġi rriferuta għal proċedura rilevanti. ***Fejn isir evidenti matul l-iskrinjar li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-iskrinjar għandu jintemm.***

Or. en

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-persuni identifikati bħala mingħajr Stat jew f'riskju ta' apolidija waqt l-iskrinjar għandhom jiġu riferuti lill-awtoritajiet kompetenti, li għandhom jiddeterminaw jekk l-individwu huwiex mingħajr Stat u joffru protezzjoni adegwata, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 12(5) għandha

tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' tliet snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport b'rabta mad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' tliet snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm ma l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 12(5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 12(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-

Kunsill.

Or. en

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 16
Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008.
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 16	***imħassar***
Emendi għar-Regolament (KE) Nru 767/2008	
Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:	
(1) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:	
2. L-aċċess għall-VIS għall-finijiet tal-konsultazzjoni tad-data għandu jkun riżervat esklużivament għall-persunal debitament awtorizzat tal-Unità Ċentrali tal-ETIAS, tal-awtoritajiet nazzjonali ta' kull Stat Membru, inkluż għal persunal debitament awtorizzat tal-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS, maħtura skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li huwa kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 22, għall-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali ta' kull Stat Membru u tal-aġenziji tal-Unjoni, li huwa kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament (UE) 2019/817, u għall-awtoritajiet kompetenti previsti fl-Artikolu 6(6) tar-Regolament (UE) 2020/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37]. Tali aċċess għandu jkun limitat skont sa fejn tkun meħtieġa d-data għat-twettiq tal-kompiti tagħhom għal dawk il-finijiet, u għandu jkun proporzjonat għall-għanijiet li jridu	

jintlaħqu.;

---

*[37] **Ir-Regolament (UE) Nru XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817].***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur mhijiex konvinta li d-dispożizzjonijiet li jagħtu drittijiet ta' aċċess ġenerali lill-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa biex jippermettu li l-iskrinjar jitwettaq b'mod effettiv.

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 17
Ir-Regolament (UE) 2017/2226
Artikolu 6(1), Artikolu 9(1), Artikolu 9(1)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 17	***imħassar***
Emendi għar-Regolament (UE) 2017/2226	
Ir-Regolament (UE) 2017/2226 huwa emendat kif ġej:	
(1) Fl-Artikolu 6(1), jiżdied il-punt li ġej:	
(1) tappoġġa l-għanijiet tal-iskrinjar stabbilit mir-Regolament (UE) 2020/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38], b'mod partikolari għall-kontrolli previsti fl-Artikolu 10 tiegħu.	
(2) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej;	
(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:	
2a. L-awtoritajiet kompetenti	

msemmija fl-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2020/XXX għandu jkollhom aċċess għall-EES biex jikkonsultaw id-data.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

L-aċċess għd-data tal-EES maħżuna fis-CIR għandu jiġi rriżervat b'mod esklużiv għall-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali ta' kull Stat Membru u għall-persunal debitament awtorizzat tal-aġenziji tal-Unjoni li jkun kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 20 u fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2019/817. Tali aċċess għandu jkun limitat skont sa fejn tkun meħtieġa d-data għat-twettiq tal-kompiti tagħhom għal dawk il-finijiet, u għandu jkun proporzjonat għall-għanijiet li jridu jintlaħqu.

---

[38] Ir-Regolament (UE) Nru XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur mhuwiex konvint li d-dispożizzjonijiet li jagħtu drittijiet ta' aċċess ġenerali lill-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa biex jippermettu li l-iskrinjar jitwettaq b'mod effettiv.

Emenda 137

Proposta għal regolament
Artikolu 18
Ir-Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 4(a) – Artikolu 13(5)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 18	***imħassar***

Emendi fir-Regolament (UE) 2018/1240

Ir-Regolament (UE) 2018/1240 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(a) tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà billi tipprovdi valutazzjoni bir-reqqa tar-riskju għas-sigurtà interna li joħolqu l-applikanti qabel ma jaslu fil-punti ta' qsim tal-fruntiera esterna, u persuni soġġetti għall-iskrinjar imsemmi fir-Regolament (UE) 2020/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], biex jiġi ddeterminat jekk ikunx hemm indikazzjonijiet fattwali jew raġunijiet validi bbażati fuq indikazzjonijiet fattwali biex jiġi konkluż li l-preżenza tal-persuna fit-territorju tal-Istati Membri tista' toħloq riskju għas-sigurtà;

(2) Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

5. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti msemmija fil-paragrafi 1, 2, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu u għandu jibgħat lista ta' dawn l-awtoritajiet lil eu-LISA mingħajr dewmien, f'konformità mal-Artikolu 87(2) ta' dan ir-Regolament. Dik il-lista għandha tispeċifika għal liema skop il-persunal debitament awtorizzat ta' kull awtorità għandu jkollu aċċess għad-data fis-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 4 ta' dan l-Artikolu ta' dan ir-Regolament.

---

[39] Ir-Regolament (UE) Nru XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur mhuwiex konvint li d-dispożizzjonijiet li jagħtu drittijiet ta' aċċess ġenerali lill-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa biex jippermettu li l-iskrinjar jitwettaq b'mod effettiv.

Emenda 138

Proposta għal regolament
Anness 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Nazzjonalità/Nazzjonalitajiet (indikazzjoni inizjali):	5. Nazzjonalità/Nazzjonalitajiet ***jew apolidija*** (indikazzjoni inizjali):

Or. en

Emenda 139

Proposta għal regolament
Anness 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Raġuni ***għat-twettiq tal-iskrinjar***:	7. Raġuni ***li għaliha twettaq l-iskrinjar***;
A. Dħul irregolari	A. Dħul irregolari
Please specify also, as appropriate:	***imħassar***
L-ebda dokument tal-ivvjaġġar/ dokument tal-ivvjaġġar falz/ dokument tal-ivvjaġġar iffalsifikat,	***imħassar***
L-ebda viża jew awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar/ viża jew awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar falza/ viża jew awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar iffalsifikata,	***imħassar***
B. Wasla permezz ta' tiftix u salvataġġ	B. Wasla permezz ta' tiftix u salvataġġ
C. Applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali f'Punt ta' Qsim tal-Fruntiera	C. Applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali f'Punt ta' Qsim tal-Fruntiera

D. L-ebda indikazzjoni ta' verifika fuq il-fruntiera fi fruntiera esterna:	***imħassar***
□ ***l-ebda timbru f'dokument tal-ivvjaġġar/l-ebda entrata fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ***	***imħassar***
□ ***l-ebda dokument tal-ivvjaġġar***	***imħassar***

Or. en

Emenda 140

Proposta għal regolament
Anness – punt 7a ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Saret applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali?

Or. en

Emenda 141

Proposta għal regolament
Anness 1 – punt 7b ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. Hemm membri tal-familja jew qraba li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru?
	Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji tal-membru(i) tal-familja jew qarib/qraba rilevanti u l-Istat Membru rilevanti

Or. en

Emenda 142

Proposta għal regolament
Anness – punt 10a ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10a. Twettqet verifika tal-vulnerabbiltà, ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali:
	□ ***Iva*** □ ***Le***
	Jekk iva, riżultat tal-vulnerabbiltà, ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali:

Or. en

Emenda 143

Proposta għal regolament
Anness 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) postijiet/pajjiżi ta' residenza preċedenti:	a) postijiet/pajjiżi ta' residenza preċedenti:
b) punt tat-tluq:	b) punt tat-tluq:
c) pajjiżi terzi u postijiet (eż. belt, provinċja) ta' tranżitu u t-tul tas-soġġorn:	c) pajjiżi terzi u postijiet (eż. belt, provinċja) ta' tranżitu u t-tul tas-soġġorn:
d) modalitajiet ta' tranżitu (eż. mezzi ta' trasport, ma' grupp, individwali), assistenza riċevuta (eż. faċilitaturi, modi ta' komunikazzjoni użati), pagamenti magħmula/li għandhom isiru, eċċ.:	d) modalitajiet ta' tranżitu (eż. mezzi ta' trasport, ma' grupp, individwali), assistenza riċevuta (eż. faċilitaturi, modi ta' komunikazzjoni użati), pagamenti magħmula/li għandhom isiru, eċċ.:
e) pajjiżi terzi fejn intalbet il-protezzjoni:	***imħassar***
f) pajjiżi terzi fejn ingħatat il-protezzjoni:	***imħassar***
g) destinazzjoni maħsuba fl-Unjoni:	g) destinazzjoni maħsuba fl-Unjoni:

Or. en

Emenda 144

Proposta għal regolament
Anness 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Assistenza pprovduta għal remunerazzjoni minn persuna terza jew organizzazzjoni fir-rigward ta' qsim irregolari tal-fruntiera u kwalunkwe informazzjoni relatata f'każ ta' traffikar suspettat:	***imħassar***

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-Rapporteur se tippreżenta minn ħawn 'il quddiem ir-raġunijiet ewlenin għall-emendi ppreżentati fl-abbozz ta' rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolament 2020/0278 (COD) adottat mill-Kummissjoni f'Settembru 2020.

Introduzzjoni

Mill-ħatra tar-Rapporteur fid-9 ta' Novembru 2020, saru diversi skambji ta' fehmiet, inklużi sitt laqgħat max-shadow Rapporteurs, kif ukoll laqgħat ma' partijiet ikkonċernati esterni. Barra minn hekk, ġie organizzat smigħ tal-LIBE fis-27 ta' Mejju 2021.

Ir-Rapporteur taqsam l-objettiv ġenerali tal-Kummissjoni li tfittex li tistabbilixxi malajr l-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kwalunkwe ħtieġa ta' kura tas-saħħa immedjata jew iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika, vulnerabbiltajiet, akkoljenza speċjali jew ħtiġijiet proċedurali u riskji potenzjali għas-sigurtà u tirreferi lill-persuni għall-proċedura xierqa. Għalhekk ir-Rapporteur tipproponi emendi għall-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament, sabiex tinħoloq proċedura effiċjenti u rapida, li tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u tiżgura ċ-ċertezza tad-dritt u ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali.

Ir-Rapporteur tesprimi dispjaċir li l-Kummissjoni ma pproduċietx valutazzjoni tal-impatt għall-proposti, b'mod partikolari minħabba l-effetti serji potenzjali fuq id-drittijiet fundamentali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-kumplessità tas-sistema ta' migrazzjoni u ta'ażil proposta fil-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Ir-Rapporteur tixtieq tesprimi l-gratitudni tagħha lill-Unità tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ex-Ante tas-Servizz Parlamentari Ewropew tar-Riċerka u lill-kuntratturi rispettivi għall-ħidma fuq il-valutazzjoni tal-impatt sostituttiva orizzontali dwar il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Ir-Rapporteur tixtieq tesprimi wkoll il-gratitudni tagħha lill-awturi tal-istudju mid-Dipartiment tal-Politika tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali.

Elementi ewlenin tal-abbozz ta' rapport

1. L-awtorizzazzjoni għad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru

Il-Kummissjoni pproponiet li matul l-iskrinjar il-persuni soġġetti għall-iskrinjar ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru minkejja li jkunu fiżikament preżenti fit-territorju ta' Stat Membru, irrispettivament minn applikazzjoni potenzjali għal protezzjoni internazzjonali (finzjoni ġuridika tan-nuqqas ta' dħul). Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssuġġeriet li ċerti elementi tal-acquis attwali dwar l-ażil għandhom jibdew japplikaw biss wara li jintemm l-iskrinjar.

Ir-Rapporteur tfakkar li f'konformità mad-Direttiva eżistenti dwar il-Proċedura tal-Ażil u l-proposta għar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, l-applikanti għall-protezzjoni

internazzjonali għandhom id-dritt ta' soġġorn fl-Istat Membru sakemm tiġi eżaminata l-applikazzjoni. Għalhekk, ir-Rapporteur tintroduċi referenza għal dan il-għan. Barra minn hekk, biex l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jkunu jistgħu jagħmlu użu effettiv mid-dritt ta' soġġorn, ir-Rapporteur tintroduċi dritt għal dawk il-persuni li jidħlu fit-territorju, f'konformità mad-derogi fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen permessi għall-applikanti għall-ażil.

Barra minn hekk, diversi partijiet ikkonċernati indikaw li l-finzjoni ġuridika tan-nuqqas ta' dħul tkun diffiċli biex tiġi applikata, fil-prattika, mingħajr l-użu komprensiv tad-detenzjoni jew forom oħra ta' detenzjoni de facto jew privazzjoni tal-libertà. Minbarra dan, il-valutazzjoni tal-impatt sostituttiva kkonkludiet li l-politiki mhux diskriminatorji tan-nuqqas ta' dħul proposti jagħmluha "impossibbli" li jiġu rispettati l-garanziji tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza u d-Direttiva dwar ir-Ritorn.

Biex tiġi żgurata l-konformità mal-acquis attwali dwar l-ażil, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tad-detenzjoni, ir-Rapporteur tintroduċi emendi biex jiġi żgurat li d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza tapplika fl-iskrinjar mill-mument li ssir applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

2. Skrinjar fit-territorju

Il-proposta tal-Kummissjoni inkludiet l-obbligu fuq l-Istati Membri li japplikaw l-iskrinjar anki għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinsabu fit-territorju fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li jkunu qasmu fruntiera esterna b'mod awtorizzat.

Ir-rapporteur tqis dan ir-rekwiżit sproporzjonat kemm għas-suġġett tal-iskrinjar kif ukoll għall-Istat Membru affettwat. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt sostituttiva kkonkludiet li l-Artikolu 77(2)(b) tat-TFUE bħala l-bażi ġuridika proposta għall-iskrinjar ma jippermettix il-miżuri proposti. Għalhekk, ir-Rapporteur tħassar l-Artikolu 5 u r-referenzi kollha korrispondenti.

3. Rekwiżiti li jikkonċernaw l-iskrinjar

Għall-iskrinjar, il-Kummissjoni pproponiet diversi rekwiżiti u elementi għall-iskrinjar, bħal obbligu li jitwettaq l-iskrinjar fil-fruntiera jew qrib tagħha; li l-iskrinjar jintemm fi żmien ħamest ijiem, li jista' jiġi estiż darba kull ħamest ijiem f'ċirkostanzi eċċezzjonali; verifiki tas-saħħa biss f'każijiet speċifiċi fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kompetenti; verifiki tal-vulnerabbiltà fejn rilevanti biss; kontrolli tal-identità u s-sigurtà; u l-għoti ta' informazzjoni.

Ir-Rapporteur tqis li l-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati li jwettqu l-iskrinjar fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom, iżda għandhom ikunu ħielsa li jagħżlu kwalunkwe post xieraq fit-territorju ta' Stat Membru. Diversi partijiet ikkonċernati enfasizzaw diffikultajiet prattiċi biex jikkonkludu l-partijiet kollha tal-iskrinjar fi żmien ħamest ijiem jew saħansitra għaxart ijiem. Għalhekk, ir-rapporteur tħassar il-possibbiltà li jiġi estiż l-iskrinjar, li għandu jikkontribwixxi wkoll għar-referenza rapida għall-proċedura sussegwenti xierqa, li fiha jistgħu jitlestew il-kontrolli pendenti.

Barra minn hekk, biex jiġu identifikati kwistjonijiet potenzjali tas-saħħa, vulnerabbiltajiet jew ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali kemm jista' jkun kmieni u biex ikompli

jikkontribwixxi għar-riferiment korrett għal proċedura sussegwenti, ir-Rapporteur tintroduċi emendi biex jiġu inklużi verifiki tas-saħħa u tal-vulnerabbiltà bħala elementi obbligatorji tal-iskrinjar. Barra minn hekk, ir-Rapporteur tintroduċi artikolu ġdid biex jiġu żgurati garanziji speċjali għal minorenni mhux akkumpanjati waqt l-iskrinjar, b'mod partikolari d-disponibbiltà ta' rappreżentant. Fl-aħħar nett, biex jiġi żgurat l-għoti effettiv ta' informazzjoni, ir-Rapporteur tintroduċi emendi biex tissaħħaħ il-probabbiltà li l-persuna kkonċernata tifhem l-informazzjoni pprovduta.

4. Il-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali

Il-Kummissjoni pproponiet li tintroduċi mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali matul l-iskrinjar u li l-Istati Membri jadottaw dispożizzjoni rilevanti biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett għad-drittijiet fundamentali.

Ir-Rapporteur tilqa' b'mod espliċitu din il-proposta mill-Kummissjoni bħala żieda rilevanti ħafna u ta' benefiċċju. Sabiex jissaħħaħ il-mekkaniżmu u biex tiġi żgurata l-indipendenza tiegħu, ir-Rapporteur twessa' l-kampa ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu lil hinn mill-proċedura ta' skrining u tintroduċi obbligu li jiġu involuti istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-mekkaniżmu. F'konformità mar-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) u minħabba l-ġbir ta' ammont sinifikanti ta' data matul l-iskrinjar, ir-Rapporteur tqis ukoll li l-mekkaniżmu għandu jistabbilixxi rabtiet mill-qrib mal-EDPS u l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur iżżomm l-obbligu fuq l-Istati Membri li jinvestigaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett u żżid, il-mekkaniżmu għandu jkun jista' jagħti bidu għal tali investigazzjonijiet u l-Istati Membri għandhom jipprevedu pieni għan-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali.

5. Eżitu tal-iskrinjar

Fil-proposta tagħha l-Kummissjoni introduċiet formola ta' debriefing mat-tlestija tal-iskrinjar, li tinkludi d-data rilevanti miġbura. Din il-formola għandha tiġi riferuta lill-awtoritajiet rilevanti responsabbli għat-tliet eżiti potenzjali tal-iskrinjar, jiġifieri proċedura ta'ażil, proċedura ta' ritorn jew ċaħda ta' dħul iżda mhux ipprovdut lis-suġġett tal-iskrinjar.

Ir-Rapporteur tqis li huwa essenzjali li s-suġġett tal-iskrinjar jirċievi kopja tal-formola ta' debriefing għall-eżerċizzju tad-drittijiet imsemmija fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Għalhekk, ir-Rapporteur tintroduċi emendi biex jiġi żgurat li kopja tal-formola tiġi pprovduta fl-istess ħin mat-trażmissjoni lill-awtoritajiet rilevanti. Barra minn hekk, ir-Rapporteur tinkludi l-possibbiltà li matul l-iskrinjar l-Istati Membri japplikaw l-istess derogi dwar kundizzjonijiet ta' dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi kif speċifikat fl-Artikolu 6(5) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

6. Espansjoni tal-aċċess għal bażijiet tad-data tal-IT

Bħala parti mill-verifiki tal-identità u tas-sigurtà, il-Kummissjoni inkludiet fil-proposta tagħha l-possibbiltà ta' drittijiet ta' tfittxija u aċċess għar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-

identità (CIR), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema tad-Dħul/Ħruġ. (EES), u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) mill-awtoritajiet kompetenti għall-iskrinjar.

Ir-Rapporteur taqbel li biex tiġi eżerċitata l-identifikazzjoni jew il-verifika u l-kontrolli tas-sigurtà għandhom jiġu mfittxija l-bażijiet tad-data rilevanti, filwaqt li fl-istess ħin jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet enfasizzati mill-valutazzjoni tal-impatt orizzontali li din l-espansjoni tista' tmur "lil hinn mil-limiti previsti fir-rigward tal-aċċess tal-infurzar tal-liġi għall-bażijiet tad-data tal-UE dwar il-migrazzjoni".

Fil-qosor, ir-Rapporteur mhijiex konvinta li d-dispożizzjonijiet li jagħtu drittijiet ta' aċċess ġenerali lill-awtoritajiet kompetenti u l-konsultazzjoni tal-bażijiet tad-data kollha proposti huma meħtieġa biex jippermettu li l-iskrinjar jitwettaq b'mod effettiv. Għalhekk, ir-Rapporteur ħassret għadd ta' dispożizzjonijiet filwaqt li żammet l-aċċess għar-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità, li huwa essenzjali biex wieħed jidentifika jew jivverifika l-identità ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'daqqa, filwaqt li żammet il-possibbiltà li ssir tfittxija fis-sistema permezz tal-istess awtoritajiet li bħalissa għandhom drittijiet ta' aċċess. Dan huwa wkoll konformi mal-impenji meħuda mill-Kummissjoni matul il-proċess leġiżlattiv tal-fajls rispettivi biex iżżomm lura milli xi darba tipproponi aktar drittijiet ta' aċċess.